**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Frar 2020.**

**<u>Rik Guramentat nru : 178/2018 AGV</u>**

**AB (ID nru: 452882 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 389480M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB** tat- 12 ta' Lulju 2018, fejn ippermettiet u talbet is-segwenti ;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta’ Mejju 2006, u minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal , E u F li twieldu fid-19 ta’ Lulju 2008, u fis-27 ta’ Lulju 2013 rispettivament;

2. Illi fl- 20 ta’ April 2015, il-partijiet sseperaw minn xulxin pemezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali kunsenswali, anness u mmarkat bhala Dok A;

3. Illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni, l-intimat huwa obbligat li jhallas l-ammont ta’ 300 Ewro f’ xahar bhala manteniment ghaz-zewgt uliedu, kif ukoll nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni u ghas-sahha tal-istess minuri;

4. Illi primarjament, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, li dan il-manteniment jibda’ jsir permezz ta’ standing order peress li meta jghaddi l-mantniment, jkun hemm glied u tghajjir min-naha tal-intimat u ghalhekk permezz ta’ tali, ikun hemm certezza li l-ammonti dejjem jghaddu kollha;

5. Illi barra minn hekk, il-minuri tal-partijiet ghandhom xi bzonnijiet specjali. ED hija dyslexic filwaqt li FD, ilha ghal dawn l-ahhar sena tattendi lezzjonijiet specjali fit-taqsima ta’ child development assessment unit (CDAU), sabiex tkun tista timxi ‘ il quddiem fit-tghallim taghha;

6. Illi l-intimat gie infurmat b’ dan kollu mir-rikorrenti, u xorta ma jghinix f’dal-affarijiet. F’ sena u nofs l-intimat qatt ma wassal lill-minuri F ghal-lezzjoni ta’ CDAU, ghalkemm l-esponenti talbitu sabiex jghinha fil-kura ta’ binthom billi l-esponenti ma ssuqx. L-intimat dejjem sostna li fl-access tieghu, it-tfal ghandhom joqoghdu mieghu d-dar mhux joqghod iwassalhom ghal-appuntamenti bzonnjuzi taghhom, u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza;

7. Illi fir-rigward ta’ spejjez ta’ sahha u edukazzjoni, l-intimat jikser l-obbligi tieghu ukoll. Rigward l-edukazzjoni, l-intimat, jikkontribwixxi ghall-kotba u uniformijet tal-minuri darba f’sena u allura fil-bidu tas-sena skolastika, u dan mhux dejjem isir fil-hin. Spejjez ohrajn ta’ edukazzjoni bhall-hlas ghall-attivitajiet u hrug tal-iskola, qed jithallsu biss mir-rikorrenti bla ebda kontribuzzjoni tal-intimat, u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

8. Illi fir-rigward ta’ sahha, l-intimat qatt ma kkontribwixxa sabiex iwassal lil F ghal-lezzjonjiet tac-CDAU, anke meta mitlub mill-esponenti. Barra minn hekk, ED minhabba li hija dyslexic ser tibda’ tattendi appuntament ghall-kura l-Furjana, u ghalkemm l-esponenti infurmat lill-intimat, sabiex jghinha, huwa tenna l-istess haga, u qal li ma jridx iwassal lill-minuri ghall-appuntament;

9. Illi l-intimat qed jiehu decizjonijiet ta' sahha tal-minuri, b' mod esklussiv minghajr ma jinforma lill-esponenti. Meta l-minuri E kellha bzonn tabib, dan qabad u hadha ghand tabib privat minghajr kunsens tal-esponenti, u wara talab lill-esponenti sabiex tohrog sehemha mill-kont tat-tabib minghajr ma pprezenta ricevuta, u ddecieda minn jeddu li minflok jaghti 300 Ewro, bhala manteniment inaqqas l-manteniment ghal 250 Ewro ghal dax-xahar sabiex jithallas;

10. Illi ghalhekk l-esponenti titlob li l-kura u kustodja tal-minuri ma tibqax wahda kongunta stante li l-intimat, m'huwiex jiehu hsieb lit-tfal b' mod adegwat, u b'hekk issir esklussiva tal-espenenti;

11. Illi minbarra l-minuri ghandhom bzonnijiet specjali, dawn qed jinkorru spejjez sabiex jigu mixtrija medicina ghalihom. Minbarra, dal-fatt ir-rikorrenti kellha tohrog tahdem full time sabiex tkun tista' tlahhaq mal-ispejjez. B' hekk ir-rikorrenti titlob li jibda jinghata ammont fiss fix-xahar sabiex jaqdi dal-bzonnijiet specjali ta' sahha tal-minuri, u b' hekk ikunu jistghu jigu mixtrijja dal-medicini, liema medicini jinxtraw kull xahar;

12. Illi l-kuntratt ta' seperazzjoni, kien jobbliga lill-intimat sabiex fi zmien gimgha minn meta jigi iffirmat il-kuntratt, huwa jghaddi l-passport tal-minuri E lill-esponenti, izda dan, ghalkemm gie mitlub hafna drabi mil-esponenti sabiex jghaddilha

dal-passaport, l-intimat baqa' inadempjenti bi ksur tal-obbligi tieghu fuq il-kuntratt;

13. Illi l-intimat mhux jonora l-hinijiet stipulati tal-access skont il-kuntratt tas-separazzjoni. L-esponenti qed tikkundizzjona hajjitha sabiex fil-hin tal-access taghha dejjem tkun lesta bit-tfal, izda l-intimat icempel siegha qabel u jghidilha li mhux ser jonora mal-hinijiet. B' hekk la fil-hajja tal-esponent u lanqas fil-hajja tal-minuri ma hemm certezza u stabbilta' u dan qed ikun ta' detriment ghalihom;

14. Illi r-rikorrenti taf b' dal-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir dil-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghala dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex taqta' u tiddeciedi u tordna billi;

1. Tordna manteniment fix-xahar ghal-minuri E u FD jibda jsir bi standing order mill-kont tal-intimat u ghal dak indikat mil-attrici;

2. Tordna lill-intimat jikontribwixxi fl-ispejjez kollha ta' edukazzjoni, u sahha tal-minuri;
3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri ma tibqax kongunta u ssir esklussiva tal-attrici;

4. Tordna li jkun hemm ammont fiss fix-xahar sabiex jinkludi l-bzonnijet kollha tal-minuri E u F D, stante li dawn ghandhom xi bzonnijiet specjali;

5. Tordna lill-intimat jghaddi l-passaport tal-minuri E D lill-attrici;

6. Tiddeciedi hinijiet adegwat ta' access tal-partijiet u tordna li tali hinijiet jkunu imharsa.

Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata ta' CD datata 5 ta' Dicembru 2018 fejn espona bir-rispett:-

1. Illi primarjament il-procedura kellha tibda b' talba bonarja u sussegwentament f' nuqqas ta' qbil, sabiex jigi varjat l-kuntratt ta' separazzjoni, datat 20 ta' April 2015, kellha tinfetah medjazzjoni;

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici u dan stante li huma msejsa fuq fatti zbaljati, vvintati u/ jew esagerati;
3. Illi ma jezisti xejn sabiex jimmerita tibdil unilaterjali, anke jekk bl-awtorita' tal-Qorti mill-ftehim li sar bonarjament u bi qbil bejn il-partijiet f' April 2015;

4. Illi l-attrici qed issejjes it-talbiet taghha fuq fatti li sahansitra kontradittorji fejn l-ewwel tghid li l-esponenti ha lill-minuri ghand it-Tabib minghajr l-kunsens taghha, u mbaghad tghid li huwa ma jihux hsieb lill-istess minuri;

5. Illi l-verita' hija li r-rikorrenti qieghed taghmel dal-ezercizzju u tipprezenta t-talbiet sfurzati meta lanqas biss qatt ma kien hemm ittra bonarja, rapport jew procedura ohra qabel illum. Huwa evidenti li r-rikorrenti qed tivvinta storja sabiex ikollha l-kura u kustodja assoluta tal-minuri;

6. Illi hija ukoll trid tvarja l-modalita' tal-hlas tal-manteniment, meta dan dejjem sar fil-hin u ghalhekk ma hemm l-ebda gustifikazzjoni li dan jinbidel;

7. Illi rigward t-talbiet ghal ghajnuna fissa fix-xahar relatati l-bzonnijiet specjali, l-esponent jirrileva li dawn jistghu u ghandhom jigu inkluzi fl-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni madankollu jirrizerva li jara ezattament x' inhuma t-talbiet f' das-sens u mbaghad jirregola ruhu;
8. Illi dwar il-passport u l-access, l-esponenti jirrileva li dawn diga' huma indirizzati fil-ftehim konsenswali;

9. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

10. B’ rizerva ghal-ispejjez li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti fi kwalunwke kaz minhabba intempestivita’ anke peress li qatt ma giet mibghuta ebda komunika f’ das-sens.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1. Il-partijiet izzewwgu fil-5 ta’ Mejju, 2006 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal E u F. Kienu sseparaw konsenswalment f’ April, 2015.

2. Skond il-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom, il-konvenut kien obbligat li jhallas €300 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, kif ukoll kellu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha tat-tfal.

3. Skond l-attrici, il-konvenut kien qed ihabbatha biex ihallas il-manteniment u dan meta t-tfal it-tnejn ghandhom bzonnijiet specjali, E hija dyslexic u jkollha bzonn attenzjoni specjali, filwaqt li F tattendi sezzjonijiet ta’ Child Development Assessment Unit (CDAU) halli tkun tista’ timxi ‘l quddiem fit-tghallim taghha. Meta talbet lill-konvenut ighinha minhabba dawn il-bzonnijiet taghhom, anke semplicement iwassal lil F c-CDAU naqas li jikkoopera.

Tilmenta ukoll li gieli jiehu lit-tfal ghand it-tabib minghajr ma jinfurmaha u jitlobha l-flus tal-ispejjes tas-sahha u jekk tirrifjuta li thallas inaqqashomlha mill-manteniment. Imbaghad ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes edukattivi, ihallas biss sehemhu tal-ispejjes tal-kotba u uniformijiet li jkun hemm ta’ darba fis-sena u l-bqija ma jhallas xejn izjed. Spejjes ohra li jkun hemm relatati mal-attivitajiet tal-iskola jew hrug, dawk ma jhallasx ghalihom, thallas kollox l-attrici.

L-attrici tghid li sabiex tlahhaq mal-ispejjes tat-tfal illum harget tahdem full-time.

Tghid li l-konvenut zamm il-passaport tal-minuri Eu ilu ghandu dan l-ahhar erba’ snin, minkejja li fil-kuntratt ta’ separazzjoni hemm stipulat li jrid jinzamm mill-attrici.

Il-konvenut ukoll jikser il-kuntratt ta’ separazzjoni ghal dak li jirrigwarda hinijiet ta’ access.

2. GB omm l-attrici kkonfermat li llum l-attrici u uliedha qed ighixu maghha u dan wara li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali peress li l-konvenut kien qed jissikaha u kien hemm hafna ndhil minn ommu fiz-zwieg taghhom, kif ukoll peress li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb.

Tghid li ghalkemm generalment il-konvenut ihallas il-manteniment, kien hemm drabi meta kien jaqbad u jnaqqsilha xi spejjes tas-sahha jew edukazzjoni u dan meta suppost ghandhom jaqsmu l-ispejjes tas-sahha u dawk edukattivi. Il-manteniment ta' €300 ma kinux iservuha u kienet tghinha hi ukoll fl-ispejjes.

Tikkonferma l-verzjoni attrici, li l-konvenut qatt mhu lest biex ighinhom bit-tfal, minkejja li ghandhom bzonnijiet specjali.

4. Il-konvenut ikkonferma li jhallas €300 fix-xahar manteniment ghall-minuri. Jichad li ma hallasx il-manteniment regolarment u dwar l-ispejjes edukattivi u tas-sahha sahaq li kull meta l-attrici talbitu dawn l-ispejjes dejjem hallasha,

Dwar il-bzonnijiet specjali ta' uliedu, ighid li sar jaf bihom biss meta nfethet il-kawza u peress li ma kienx jaf, qatt ma kien hadhom ghas-sezzjonijiet.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-konvenut eccepixxa b'mod preliminari li l-procedura kellha tibda b'talba bonarja u fin-nuqqas ta' ftehim, jinbdew proceduri ta' medjazzjoni.

F' dan il-kaz, l-attrici qed titlob li jkun hemm bdil f'diversi klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie ffirmat fl-20 ta' April, 2015.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li giet segwita l-proceduri ta' medjazzjoni fl-ebda hin jew tal-anqas intbaghtet ittra bonarja sabiex jesploraw il-possibilita' li jittransigu biex jemendaw il-kuntratt.

Artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 jikkontempla illi:-

***"(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti -***

***c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; ….***

***dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond ma hemm f'dik id-disposizzjoni."***

*(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3).*

*(3) Il-medjatur ghandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom ghall-ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tar-regolament 4(6) u (7) ghandhom japplikaw ghall-process ta' medjazzjoni.*

*(4) Meta l-partijiet jaslu ghall-ftehim, dan ghandu jigi registrat bil-miktub u jigi nserit fl-atti tal-proceduri, li mbaghad ghandhom jintbaghtu mill-medjatur lill-Qorti, li ghandha kemm il-darba ma jkun hemm xejn kuntrarju ghall-ordni pubbliku, taghti digriet fuq il-kwistjoni.*

*(5) Meta l-partijiet ma jaslux ghall-ftehim, il-medjatur ghandu jinforma lill-Qorti b'dan.*

*(6) Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug ta' kull ordni provvizorja jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha.*

*Ghalhekk, meta parti tixtieq taghmel varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni, in kwantu jirrigwarda l-kura u kustodja tal-*

***minuri, in kwantu jirrigwarda l-manteniment, huwa obbligatorju li qabel ma tinfetah kawza jehtieg li jkun hemm proceduri ta' medjazzjoni ai termini tal-Artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20."***

Ghalhekk, fil-kaz odjern, l-attrici qed titlob li tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni fis-sena li jkollha kura u kustodja esklussiva, qed titlob ukoll li l-manteniment ikun fih ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll biex il-konvenut ighaddilha l-passport tal-minuri.

Peress li jirrizulta li l-process ta' medjazzjoni kif fuq mehtiega ghall-kaz odjern ma giex segwit, dina l-kawza hija irrita u nulla.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-attrici.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**